**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**

**MAĠISTRAT**

**DR. RACHEL MONTEBELLO B.A. LL.D.**

**Rikors Numru: 322/2021 RM**

**Id-Direttur għas-Servizzi Korrettivi il-Kurunell Alexander Dalli**

**-Vs-**

**Yendrick Cioffi bħala awtur tal-artikolu fil-gazzetta 'Illum'**

**Saviour Balzan bħala Editur tal-gazzetta 'Illum'**

**Illum, 11 ta' Ottubru 2023**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors ippreżentat fir-Reġistru ta' din il-Qorti fis-17 ta' Novembru 2021 li permezz tiegħu l-attur, id-Direttur għas-Servizzi Korrettivi il-Kurunell Alexander Dalli talab il l-konvenuti jħallsuh dik is-somma li l-Qorti tiddetermina ai termini tal-Att dwar il-Midja u l-Malafama *(Kap 579)*, bhala danni u riparazzjoni tal-malafama li huwa sofra, meta bhala awtur u edituri rispettivament tal-artikolu intitolat 'Quddiem Ministru ewlieni: Alex Dalli jiftahar li dahhal arma f'halq prigunier u jsemmih b'ismu' ippublikat fil-ġurnal kemm eletroniku u kif ukoll stampat ILLUM, nhar il-Ħadd 14 ta' Novembru 2021, tajt malafama lill-attur b'allegazzjonijiet foloz u malafamanti fejn, fost ohrajn, allegajt li huwa kien responsabbli ta' agir abbuziv permezz ta' theddid serju ktibt il-kliem u nikkwota dirett mill-artikolu "Dalli ftaħar

ma' dan il-Ministru u anke mal- ufficjali kif juża l-arma biex biha jhedded u jikkontrolla lill-prigunieri." L-artikolu jkompli jżid jgħid, "Fil-fatt, saħansitra qalilhom li mhux l-ewwel darba li daħħal l-arma f'ħalq priġunieri, b'mod partikolari dawk l-inqas ubbidjenti. Dalli semma b'ismu priġunier li kien dahhallu l-arma f'ħalqu, ftit biss wara li sar Direttur tal-ħabs." U kif ukoll "ftaħar, bla mistħija ta' xejn, li kapaċi jwaqqaf l-ilma f'dawn iċ-ċelel biex priġunieri li jkun irrid jagħtihom kastig, jibqgħu fil-ħmieġ tagħhom stess." fost oħrajn (kopja tal-artikolu relattiv meħud fl-14 ta' Novembru 2021 mehmuza bhala Dokument A)

Bl-ispejjes kontra l-konvenuti ingunti minn issa ghas-subizzjoni.

Rat ir-Risposta ppreżentata mill-konvenuti Yendrick Cioffi u Saviour Balzan fit-30 ta' Novembru 2021 fejn eċċipew:-

1. *Preliminarjament, l-attur ghandu fl-ewwel lok jindika b'mod preciz liema brani jqis malafamanti fil-konfront tieghu.*

2. *F'kull kaz, il-fatti esposti fil-pubblikazzjoni ma jikkontjenux allegazzjonijiet foloz.*

3. *Bla hsara ghall-premess, il-pubblikazzjoni hija ta' interess pubbliku u l-esponenti kienu qed jaqdu korrettement id-dmirijiet taghhom li jirraportaw dwar ahbar ta' importanza pubblika f'socjeta demokratika li thaddan bi shih il-liberta' tal-espressjoni.*

4. *Minghajr pregudizzju, il-pubblikazzjoni tikkostitwixxi fair comment.*

5. *In oltre' it-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fil-ligi.*

6. *Salv eccezzjonijiet ulterjuri.*

Semgħet ix-xhieda;

Rat il-provi kollha u d-dokumenti kollha esebiti;

Rat l-atti kollha;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet ippreżentata mill-attur fl-24 ta' Lulju 2023 kif awtorizzat;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet responsiva ippreżentata mill-konvenuti Yendrick Cioffi u Saviour Balzan fis-17 ta' Awwissu 2023, ukoll kif awtorizzat;

Rat l-atti kollha;

Rat illi l-kawża kienet imħollija għal-lum għas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi l-attur ħassu malafamat bl-artikolu li ġie pubblikat fuq is-sit elettroniku tal-gazzetta 'Illum' fl-14 ta' Novembru 2021, intestat "*Quddiem Ministru Ewlieni: Alex Dalli jiftaħar li daħħal arma f'ħalq priġunier u jsemmih b'ismu*".

Għalkemm fir-Rikors promotur l-attur indika li l-artikolu impunjat deher ukoll fil-verżjoni stampata tal-gazzetta 'Illum', kopja stampata ta' dan l-artikolu baqa' qatt ma ġiet esebita fl-atti proċesswali u għalhekk il-Qorti sejra tillimita l-istħarriġ u l-ġudizzju tagħha għall-pubblikazzjoni tal-artikolu fuq is-sit elettroniku www.illum.com.mt annessa mal-istess Rikors (Dok. A).

Stabbilit dan, jirriżulta illi l-attur ħassu aggravat speċifikatament bis-segwenti brani li ġew ċitati espressament fir-Rikors promotur kif ukoll indikati bil-kulur isfar fl-artikolu stampat anness mar-Rikors promotur 'Dokument A':-

"*Dalli ftaħar ma' dan il-Ministru u anke mal-uffiċjali kif juża l-arma biex biha jhedded u jikkontrolla lill-priġunieri. ...*
*Fil-fatt, saħansitra qalilhom li mhux l-ewwel darba li daħħal l-arma f'ħalq il-priġunieri, b'mod partikolari dawk l-inqas ubbidjenti. Dalli semma b'ismu priġunier li kien daħħallu l-arma f'ħalqu, ftit biss wawa li sar Direttur tal-ħabs.*
... ... ...
*Ftaħar, bla mistħija ta' xejn, li kapaċi jwaqqaf l-ilma f'dawn iċ-ċelel biex priġunieri li jkun irid itihom il-kastig, jibqgħu fil-ħmieġ tagħhom stess.*"

Għalkemm l-attur fir-Rikors promotur ta x'jifhem bl-użu tal-kliem "*fost oħrajn*", illi hemm iktar brani fl-artikolu impunjat li ħassu malafamat bihom, l-attur ma semma ebda bran jew kliem ieħor speċifiku fl-artikolu li ħassu aggravat bih, per eżempju bis-silta li tirrapporta li huwa laqa' lill-grupp ta' uffiċjali tal-Gvern "*armat bil-famuża arma li jżomm fuqu u anke b'kelb kbir tal-għassa.*" Fil-fatt l-attur fix-xhieda tiegħu ma jsemmi xejn dwar il-fatt li kien qed iġorr arma dakinhar tal-laqgħa u lanqas dwar il-kelb tal-għassa u għalhekk billi mhux kompitu tal-Qorti li toqgħod tidentifika dawk l-istqarrijiet li jistgħu jagħtu malafama lill-attur, sejra tiffoka l-istħarriġ tagħha dwar allegat malafama, biss fuq il-brani espressament indikati u ċitati fl-att promotur tal-kawża bħala diffamatorji. Dan ifisser ukoll li l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuti hija b'hekk sorvolata.

B'mod ġenerali, l-artikolu jidher li jsegwi stejjer oħrajn li kienu qed jiġu rapportati dak il-perijodu in konnessjoni mas-sitwazzjoni fil-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin taħt it-tmexxija tal-attur bħala d-Direttur għas-Servizzi Korrettivi, dwar sensiela ta' suwiċdji ġewwa l-ħabs li wasslu biex l-attur kien ġie kostrett jissospendi lilu nnifsu mill-pożizzjoni tiegħu biss ftit ġranet qabel il-pubblikazzjoni ta' dan l-artikolu. L-artikolu impunjat jidher li jorbot dan il-fenomenu lill-ambjent maħluq mill-attur

innifsu ġewwa l-ħabs fejn kien allegatament jintimida lill-priġunieri b'mezzi ta' kastig mhux ortodossi - fosthom theddid b'arma tan-nar u jgħaddi biex jirrapporta inċident li nġieb għall-attenzjoni tal-gazzetta dik il-ġimgħa stess - iżda li kien seħħ ftit taż-żmien qabel - fejn grupp ta' uffiċjali tal-Gvern u Ministru partikolari żaru l-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin, inkluż il-ċelel il-ġodda tal-iżolament. Fl-artikolu jingħad illi mill-informazzjoni li rċeviet il-gazzetta, l-attur laqa' lil din id-delegazzjoni armat b'arma tan-nar u b'kelb kbir tal-għassa u ftaħar magħhom li juża l-arma biex jhedded il-priġunieri u kien anke daħħalha f'ħalq priġunieri mhux ubbidjenti biex jikkontrollahom. Ġie rapportat ukoll kif l-attur anke semma l-isem ta' wieħed mill-priġunieri li kien daħħallu l-arma f'ħalqu u li kien ftaħar ukoll li jista' jikkontrolla u jwaqqaf il-provvista tal-ilma fiċ-ċelel tal-iżolament bħala kastig lil dawk il-priġunieri li kien hemm bżonn jiġu dixxipplinati.

**Alexander Dalli, l-attur**, xehed illi huwa safa fil-mira ta' attakki ripetuti fil-midja fejn ġie allegat li huwa mexa b'aġir abbużiv fil-kariga tiegħu ta' Direttur tal-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin, Ċaħad li huwa uża l-kliem irrapportat fl-artikolu u li daħħal arma tan-nar f'ħalq xi priġunier u ddeskriva l-allegazzjonijiet ippubblikati fl-artikolu, bħala "*gideb sfaċċat*".

L-attur fisser illi huwa kien iġorr arma tan-nar fuqu fil-ħabs biss f'ċirkostanzi eċċezzjonali skont kif tipprovdi l-liġi fl-Att dwar il-Ħabs, fejn l-armi tan-nar huma amministrati b'regolamenti stretti, u dan kien jagħmlu għas-sigurta' ta' dawk kollha li jkunu fil-Faċilita': priġunieri, ħaddiema u uffiċjali. Huwa kien jawtorizza wkoll lil xi uffiċjali biex f'ċirkostanzi eċċezzjonali iġorru wkoll arma tan-nar fil-ħabs, fosthom kull darba li jkun hemm trasport ta' priġunier li huwa ta' riskju għoli u f'kull każ, kull persuna li ġġorr arma tan-nar tkun imħarrġa sew għall-każ.

Xehed ukoll illi fiż-żmien li kien jokkupa l-kariga ta' Direttur tal-Faċilita', kien hemm priġunieri li huma ta' riskju għoli u f'dan l-ambjent ta' perikolu huwa kellu jkun lest għal kull eventwalita'. Kemm hu hekk, taħt it-tmexxija tiegħu kienu ġew elevati

numru kbir ta’ armi mingħand priġunieri ġewwa l-Ħabs, inkluż arma tan-nar, u dan il-fatt innifsu jimmanifesta l-perikolu li jeżisti fil-Faċilita’.

L-attur ċaħad speċifikatament li qatt hedded xi priġunier jew ittrattahom bil-mod kif ġie deskritt fl-artikolu u lanqas qatt ftaħar dwar dan quddiem xi Ministru jew xi ħadd ieħor. Sostna li huwa dejjem ħadem lejl u nhar għall-ġid tal-priġunieri anke fil-ħlieda kontra l-vizzju tad-droga, tant li l-ħidma tiegħu għadu sal-lum iħalli frott.

**Il-konvenuti Saviour Balzan u Yendrick Cioffi** ma xehdux f’din il-kawża iżda ressqu żewġ xhieda għad-difiża tagħhom: Emmanuel Cassar u Stephen Cachia.

**Emmanuel Cassar** xehed[1] illi huwa kien jaħdem bħala uffiċjal korrettiv fil-Faċilita’ Korrettiva ta’ Kordin bejn Awwissu 1996 u Marzu 2019 meta ġie mkeċċi inġustament mill-impieg tiegħu. Qal illi l-ewwel darba li kien ra arma tan-nar fuq Alexander Dalli kien meta kien stazzjonat il-gatehouse. L-attur daħal il-ħabs mill-bieb tal-garaxx u waqaf fit-taraġ, fejn hemmhekk fetaħ il-ġlekk u b’idu pponta lejn l-arma li kellu taħt il-ġlekk biex jurih u lill-uffiċjali l-oħra li kien hemm, li għandu l-arma.

Xehed ukoll dwar episodju ieħor fejn priġunier jimsu Yosef Esesi kien ilmenta dwar il-fatt li kien inżamm maqful waħdu f’dormitorju fil-ħabs u kien ipprotesta billi poġġa sodda mal-bieb tad-dormitorju biex l-uffiċjali ma jistgħux jidħlu. L-attur Alexander Dalli kien mar jara s-sitwazzjoni u kienu akkumpanjawh il-konvenut innifsu, il-Maġġur Dennis Cassar u uffiċjali mis-Special Response Team (SRT), fejn wara li rnexxielhom jiftħu l-kanċell tad-dormitorju, daħal l-attur flimkien ma’ uffiċjali tal-SRT filwaqt li hu u xi uffiċjal oħrajn baqgħu barra mal-kanċell. Billi l-faċċata tad-dormitorju kienet tikkonsisti f’ċint baxx u fuqu vireg tal-ħadid sas-saqaf, huwa seta’ jara kollox fejn ra lill-attur joħroġ il-pistola tiegħu u lill-priġunier qallu “*Qed taraha din? Jekk ma toqgħodx sew naħliha fuqek*”.

---

[1] Prodott bħala xhud mill-konvenuti, xhieda tas-7 ta’ Novembru 2022.

Xehed ukoll dwar episodju ieħor li wkoll seħħ għall-ħabta tas-sena 2018 fejn l-attur ried jagħmel spezzjoni fil-Female Section A tal-ħabs filgħaxija, li ma kienx il-prassi. L-attur ma kienx ried jgħaddi mill-ħabs normali bħalma dejjem kien isir iżda ried jgħaddi bil-mixi ħdejn l-Għassa ta' Raħal Ġdid u jidħol mill-fetħa fil-ġnien. Marru bil-vann tal-ħabs li kien qed jinstaq minn ċertu Mario Agius u b'kollox, kienu madwar ħamsin uffiċjal armati bit-tarka u lembuba. Meta waslu biex jagħmlu l-ispezzjoni taċ-ċella fejn kien hemm priġuniera ċertu Lorraine Vella, din il-priġuniera meta rat lill-uffiċjali kollha lebsin iswed bit-tarek u l-lembubi, ħasbet li kienu marru biex isawtuha u rvellat u qabdet tgħajjat. Meta l-attur ra hekk, għamlilha l-pistola ma' rasha biex isikkitha u jwissiha biex ma tgħajjatax, iżda iktar bdiet tgħajjat. Il-konvenut ikkonferma illi flimkien mal-attur kien hemm Helenio Galea filwaqt li fl-istess sular kien hemm ukoll żewġ xufiera tal-attur.

**Stephen Cachia**[2], li sas-sena 2020 kien id-Direttur Ġenerali għall-Kurrikulu u Tagħlim Tul il-Ħajja fi ħdan il-Ministeru għall-Edukazzjoni, xehed illi waqt li kien jokkupa l-imsemmija kariga kien żar il-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin bħala parti minn delegazzjoni tal-Ministeru tal-Edukazzjoni, fejn kien iltaqa' mal-attur. Waqt din il-laqgħa, fejn kien hemm preżenti d-delegazzjoni kollha - inkluż il-Ministru ta' dak iż-żmien Evarist Bartolo, is-segretarju permanenti Dr. Frank Fabri u diretturi ġenerali oħrajn u s-segretarju tal-Ministru - l-attur tkellem fuq ix-xewqa tiegħu li jirrijabilita l-priġunieri u li l-priorita' tiegħu kien li jkun hemm ordni u dixxiplina fil-ħabs. Xehed illi matul din l-istess laqgħa fil-presenza tad-delegazzjoni kollha, l-attur irrakkonta inċident li kien seħħ għall-bidu tat-tmexxija tiegħu fil-Faċilita' fejn huwa kien daħal fiċ-ċella ta' priġunier notorju bħala *ringleader* tal-ħabs, ħareġ revolver, għamilulu ma' ħalqu u qallu kliem fis-sens illi minn issa 'l quddiem hu kien dak li jikmanda fil-ħabs. L-attur qal ukoll quddiem kulħadd li dan il-priġunier notorju kien Melchior Spiteri.

Imbagħad, in segwitu għal-laqgħa, l-attur kien dawwar id-delegazzjoni ma' partijiet tal-Faċilita' b'*revolver* f'*holster* ma' qaddu, imexxi kelb kbir b'*muzzle* ma' ħalqu, fejn

[2] Affidavit ippreżentat fit-23 ta' Frar 2023, Dok. SC, u xhieda in kontro-eżami tat-23 ta' Ġunju 2023.

kif uriehom iċ-ċelel tas-*solitary confinement* il-ġodda, infurmahom li kellu s-setgħa jagħlaq il-provvista tal-ilma meta jrid għal kull ċella individwali biex il-faċilitajiet sanitarji jibqgħu bla ilma. Ix-xhud sostna li għalkemm l-attur ma kienx qal li l-iskop tal-kontroll tal-ilma kien għal skopijiet dixxiplinarji tal-priġunieri, matul iż-żjara kienet saret emfasi kbira fuq id-dixxiplina fil-ħabs u l-attur deher li kien kuntent meta qal li kien iddiżinja ċ-ċelel b'mod li kellu dik il-fakolta'. Ċaħad li l-attur kien qal li l-kontroll tal-ilma f'dawn iċ-ċelel kien meħtieġ bħala miżura ta' sigurta' f'każ ta' protesti da parti tal-ħabsin fejn setgħu ifawwru ċ-ċelel bl-ilma.

Ix-xhud fisser kif huwa ħassu ferm skomdu waqt l-imsemmija żjara u telaq qabel il-bqija tad-delegazzjoni, flimkien ma' kollega tiegħu. Lis-Segretarju Permanenti fi ħdan il-Ministeru għall-Edukazzjoni kien ikkummentalu li l-imġieba u kummenti tal-attur m'huma xejn xieraq li persuna f'dik il-kariga iżda r-rejazzjoni tas-Segretarju Permanenti kienet li l-attur kien bniedem rispettat ħafna li kien irnexxielu jsolvi l-problema tad-droga fil-ħabs.

Ikkunsidrat;

Mill-provi jirriżulta illi l-konvenut Yendrick Cioffi huwa l-awtur tal-artikolu impunjat. Filwaqt li ma jirriżultax epressament mill-provi proċesswali illi l-konvenut Saviour Balzan huwa tassew l-editur reġistrat tal-gazzetta 'Illum' li ppubblikat dan l-istess artikolu, dan ma ġiex kontestat mill-konvenuti jew minn xi ħadd minnhom u ma ġie sollevat ebda eċċezzjoni fir-rigward fir-Risposta.

L-artikolu 3(3) tal-Att dwar il-Midja u l-Malafama jiddisponi illi l-azzjoni ċivili għal malafama taħt dan l-Att dwar kull ħaġa ppubblikata fil-midja tista' tittieħed kontra kull waħda mis-segwenti persuni: l-awtur, l-editur u, meta dawn tal-aħħar m'humiex faċilment identifikabbli, ir-responsabbli għall-pubblikazzjoni.

Għaldaqstant, in kwantu indirizzata fil-konfront tal-konvenuti Saviour Balzan u Yendrick Cioffi, l-editur reġistrat u l-awtur, rispettivament, l-azzjoni ġiet esperita korrettement.

Ikkunsidrat;

L-attur jissemma b'ismu fil-pubblikazzjoni impunjata u għalhekk m'hemmx dubju li huwa identifikat. Il-Qorti għalhekk trid tgħaddi biex tistabbilixxi jekk il-kriterju ta' ħsara serja lir-reputazzjoni, stabbilit mill-artikolu 3(4) tal-Att dwar il-Midja u l-Malafama (l-Att), huwiex sodisfatt f'dan il-każ partikolari. Dan l-artikolu jistipola illi stqarrijiet m'humiex diffamatorji sakemm ma jikkawżawx ħsara serja jew ikunu jistgħu jikkawżaw ħsara serja, lir-reputazzjoni tal-persuna jew persuni speċifiċi li jagħmlu t-talba u, f'każ ta' korp li jopera għal profitt, telf finanzjarju serju.

Qabel xejn irid jiġi stabbilit x'inhi l-imputazzjoni li titnissel mill-istqarrijiet impunjati f'din il-kawża, ċitati iktar qabel. Jingħad illi fl-istħarriġ tal-kwistjoni jekk fil-pubblikazzjoni impunjata, saritx imputazzjoni diffamatorja fil-konfront tal-persuna aggravata, għandu jigi stabbilit jekk mill-kuntest sħiħ tal-pubblikazzjoni, persuna raġjonevoli u ta' intelliġenza ordinarja ("*an ordinary, reasonable person*"), tkun kapaċi tifhem dik l-istqarrija bħala waħda li minnha raġjonevolment tinsilet l-imputazzjoni impunjata.

Mill-provi jirriżulta illi l-attur fiż-żmien tal-allegat fatti li jifformaw l-oġġett tal-pubblikazzjoni impunjata f'din il-kawża, kien jokkupa l-kariga ta' Direttur għas-Servizzi Korrettivi fil-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin[3]. Jirriżulta wkoll illi l-attur kien issospenda ruħu minn dan ir-rwol ftit tal-jiem biss qabel il-pubblikazzjoni tal-artikolu impunjat f'din il-kawża.

**Il-Qorti tqis illi l-imputazzjoni li titnissel mill-istqarrija impunjata hija illi fit-tmexxija tiegħu tal-ħabs, l-attur kien jabbuża mis-setgħat tiegħu bl-użu ta' mezzi**

[3] Ara r-Rikors promotur.

**ta' dixxiplina estrema u intimidazzjoni tal-priġunieri li jaqgħu taħt ir-responsabbilita' tiegħu.**

Il-Qorti, kif diġa' kellha l-okkażjoni tesprimi ruħha f'sentenzi oħrajn mogħtija f'proċeduri ta' libell istitwiti mill-attur odjern, tqis illi l-kariga ta' direttur ta' entita' li tipprovdi faċilitajiet penali u korrettivi, hi bla dubju kariga pubblika ferm importanti u ta' responsabbilita' gravi li tesiġi mhux biss grad sostanzjali ta' kompetenza, kontabbilita`, serjeta' u dixxiplina soda, iżda wkoll ħafba sensittivita' u prudenza fl-imġieba tal-persuna li tokkupa kariga bħal din. Dan qed jingħad naturalment, minħabba d-diffikoltajiet li ġeneralment jiġu riskontrati fejn jidħlu l-priġunieri li jinsabu f'sitwazzjoni li minnha nnifisha tirrendihom vulnerabbli għaliex huma maqtugħin mis-soċjeta' u pprivati mil-liberta' tagħhom,

Hija għalhekk il-fehma tagħha illi kull imputazzjoni li l-attur jabbuża mis-setgħat tiegħu fit-twettiq ta' din il-kariga - speċjalment meta din l-imputazzjoni ssir f'pubblikazzjoni ta' *mass media* inkluż fuq *online news portal* fejn l-inferenza hi ta' udjenza kbira - timpinġi direttament u negattivament fuq il-kompetenza tiegħu għal din il-kariga pubblika u tiskreditah. Effettivament, l-asserzjoni li l-attur f'kariga ta' poter bħal din kien jhedded b'arma tan-nar il-priġunieri li jkunu jeħtieġu jiġu kontrollati jew imwissija, hi inerentement kapaċi li toskura b'mod serju l-istima tal-attur f'ghajnejn il-pubbliku in ġenerali.

"*It has been held defamatory to write of someone that he has been guilty of oppressive, intolerant, insulting, reprehensible, threatening or unbrotherly conduct, or of a breach of duty or that his actions are motivated by revenge when he asserts other motives, or that he is a 'heartless, rude bastard'; or to impute 'any dishonourable conduct to another though not involving a breach of positive law.*"[4]

Għaldaqstant, l-imputazzjoni mnissla mill-istqarrija impunjata fl-artikolu ppubblikat fil-gazzetta Illum fl-14 ta' Novembru 2021, hi kapaċi tikkaġuna ħsara serja lir-

[4] Gatley, On Libel and Slander (2013). – 2.28. page 66.

reputazzjoni tal-attur u hija għalhekk diffamatorja fil-konfront tiegħu għall-fini tal-Artikolu 3(4) tal-Att dwar il-Midja u l-Malafama.

Ikkunsidrat;

Billi l-artikolu impunjat huwa evidentement il-prodott ta' ġurnaliżmu ta' xorta investigattiva, b'allegazzjonijiet indirizzati lejn persuna li kienet tokkupa kariga pubblika importanti u sensittiva, il-Qorti tqis li jkun opportun illi tibda biex tistħarreġ il-ħames eċċezzjoni fir-Risposta tal-konvenuti, fejn jikkontendu li l-pubblikazzjoni hija dwar materja ta' interess pubbliku u li kienu qegħdin jaqdu dmirijiethom jirrapportaw dwar aħbar ta' importanza pubblika f'soċjeta' demokratika.

Essenzjalment, din hija d-difiża taħt l-Artikolu 5 tal-Att dwar il-Midja u l-Malafama ('l-Att).

*1) Hija difiża għal azzjoni ta' malafama li l-konvenut juri li –*
*(a) id-dikjarazzjoni li dwarha sar l-ilment kienet, jew kienet tifforma parti minn, dikjarazzjoni ta' materja ta' interess pubbliku; u*
*(b) il-konvenut raġonevolment emmen li l-pubblikazzjoni ta' dik l-istqarrija li sar l-ilment dwarha kienet ta' interess pubbliku.*

Fid-difiża taħt l-Artikolu 5 tal-Att il-konvenut irid jissodisfa r-rekwiżit li l-pubblikazzjoni, talanqas fil-parti tagħha li fiha l-istqarrijiet malafamanti, trid tkun dwar materja ta' interess pubbliku. L-Att ma jipprovdix definizzjoni jew linji gwida dwar it-tifsira tal-kunċett ta' interess pubbliku iżda fil-fehma ta' din il-Qorti, l-oqsma tal-amministrazzjoni tal-gvern, kondotta politika, involviment f'reati serji u "... '*such as to affect people at large, that they may be legitimately interested in, or concerned at, what is going on; or what may happen to them or to others*"[5] , ilkoll għandhom jitqiesu b'mod ġenerali li huma materji ta' interess pubbliku.

---

[5] Collins, *supra*, 9.86, p. 213.

Ukoll, jitqies li huwa ta' interess pubbliku materja li tikkonċerna:

"*... the conduct of any person that inherently, expressly or inferentially invited public criticism or discussion.*"[6]

Applikat dan għall-każ in diżamina fejn l-attur kien, fiż-żmien tal-pubblikazzjoni impunjata, id-Direttur għas-Servizzi Korrettivi, il-Qorti hi tal-fehma li l-komportament tiegħu f'kariga pubblika u importanti bħal din u allegazzjonijiet konċernanti aġir abbużiv da parti tiegħu tabilħaqq fl-eżekuzzjoni ta' dmirijietu u fit-trattament tal-priġunieri taħt il-kontroll tiegħu, jikkonċernaw indubbjament materja ta' interess pubbliku. Il-pubbliku għandu interess leġittimu li jirċievi informazzjoni dwar il-mod kif uffiċjali f'karigi għoljin fis-servizz pubbliku jwettqu dmirijiethom, speċjalment meta qed jiġi allegat li dawn id-dmirijiet ma jkunux qegħdin jitwettqu skont l-etika u jew il-liġi, jew fl-aħjar interess tas-soċjeta'. Il-ġornalist li jirċievi l-informazzjoni bħal din għandu dmir li, wara li jagħmel il-verifiki opportuni biex jassigura li din hi miksuba minn sorsi affidabbli u jkollha bażi fattwali soda, iwassalha lill-pubbliku b'mod imparzjali, akkurat, oġġettiv u sħiħ.

Speċifikatament, il-Qorti tqis illi l-istqarrijiet impunjati mill-attur - liema stqarrijiet jikkonsistu f'tagħrif miksub mingħand sors li sema' lill-attur innifsu jirrakkonta t-tattiċi li jimpjega għall-infurzar tad-dixxiplina u ordni fil-ħabs, fosthom li jipponta arma tan-nar lejn il-priġunieri li jeħtieġu jiġu dixxipplinati - jifformaw parti integrali mill-materja ta' interess pubbliku. **Dan qed jingħad għaliex dawn id-dettallji diffamatorji jwasslu sewwasew il-gravita' tal-imġieba mhux xierqa li qed tiġi attribwita lill-kap eżekuttiv tal-ħabs u bħala tali, jikkontribwixxu għall-element tal-interess pubbliku tal-artikolu impunjat.**

[6] **John Fairfax Publications Pty Ltd. V. Hitchcock** (2007) NSWCA 364 70 NSWLR 484 para. 143. Gatley jelenka serje ta' materji oħrajn li skont diversi deċiżjonijiet tal-qrati in tema tal-kunċett tal-interess pubbliku, ġew meqjusa bħala ta' interess pubbliku:- *"... the business of government and political conduct; ... the fair and proper administration of justice; ... the conduct of the police; cheating, corruption ... involvement in serious crimes; corporate malpractice; ..."*

Tqis ukoll illi l-fatt li l-attur f'dan il-każ kien persuna pubblika, jiġġustifika wkoll l-identifikazzjoni tiegħu b'ismu fl-artikolu impunjat, għaliex mhux possibbli f'każ bħal dan, li jiġu pubblikati l-dettallji ta' materja ta' interess pubbliku mingħajr ma tinkixef l-identita' tal-attur.

Ikkunsidrat;

Illi t-tieni rekwiżit li għandu jiġi sodisatt għas-suċċess tad-difiża taħt l-Artikolu 5 tal-Att, huwa li l-pubblikatur raġjonevolment emmen li l-pubblikazzjoni ta' dik l-istqarrija li sar l-ilment dwarha, kienet ta' interess pubbliku. Dan ir-rekwiżit irid ikun sodisfatt sija minn perspettiva soġġettiva tal-pubblikatur u sija wkoll mil-lat oġġettiv.

Illi l-perspettiva oġġettiva teħtieġ li ċ-ċirkostanzi kollha tal-kaz jiġu kkunsidrati, fosthom il-materji identifikati minn Lord Nicholls fid-deċiżjoni **Reynolds v. Times Newspapers Ltd**[26], f'lista mhux eżawrjenti ta' ċirkostanzi li huma relevanti għall-materja dwar jekk l-i*standards* ta' ġornaliżmu responsabbli, intlaħqux fil-każ taħt eżami. Lord Nicholls elenka s-segwenti kriterji:-

1. *The seriousness of the allegation. The more serious the charge, the more the public is misinformed and the individual harmed, if the allegation is not true.*
2. *The nature of the information, and the extent to which the subject-matter is a matter of public concern.*
3. *The source of the information. Some informants have no direct knowledge of the events. Some have their own axes to grind, or are being paid for their stories.*
4. *The steps taken to verify the information.*
5. *The status of the information. The allegation may have already been the subject of an investigation which commands respect.*
6. *The urgency of the matter. News is often a perishable commodity.*

7. *Whether comment was sought from the plaintiff. He may have information others do not possess or have not disclosed. An approach to the plaintiff will not always be necessary.*
8. *Whether the article contained the gist of the plaintiff's side of the story.*
9. *The tone of the article. A newspaper can raise queries or call for an investigation. It need not adopt allegations as statements of fact.*
10. *The circumstances of the publication, including the timing.*

Kif diġa' stabbilit, fil-każ in diżamina il-konvenuti rrapportaw stqarrijiet li indubbjament u inerentement huma ta' kalibru li jikkaġunaw ħsara serja lir-reputazzjoni tal-attur. Għaldaqstant, kellhom oneru gravi li jivverifikaw il-korrettezza tal-informazzjoni.

Madanakollu, il-pubblikazzjoni tikkonċerna direttament allegat abbuż li kien qed jitwettaq minn ħadd ħlief il-kap eżekuttiv tal-ħabs, ġo post li m'huwiex apert lill-pubbliku u jitmexxa b'kontrolli stretti ta' sigurta' fejn anke jsir skrutinju ta' kull korrispondenza u komunikazzjoni dieħla u ħierġa mill-ħabs. Skont ma jirriżulta mill-artikolu nnifsu, illi din ma kienetx l-ewwel artikolu li ġie pubblikat in konnessjoni ma' allegazzjonijiet dwar it-tmexxija tal-attur bħala Direttur tal-Ħabs.

Il-Qorti kkunsidrat ukoll l-affidabbilita' evidenti tas-sors tal-informazzjoni pubblikata fl-artikolu impunjat, għaliex jirriżulta illi Stephen Cachia, meta xehed quddiem il-Qorti, ikkonferma li huwa kien parti mid-delegazzjoni tal-Ministeru li kienet żaret il-ħabs u, kif rapportat fl-artikolu, waqt din iż-żjara li għaliha kien preżenti wkoll il-Ministru Evarist Bartolo, l-attur kien iddeskriva lid-delegazzjoni sħiħa kif kien poġġa revolver ma' ħalq priġunier u kif kellu s-setgħa jikkontrolla l-provvista tal-ilma għal ġewwa ċ-ċelel tal-iżolament fil-ħabs. Stephen Cachia afferma wkoll is-sensazzjoni ta' intimidazzjoni li ġiet imnissla mill-imġieba tal-attur meta ġarr *revolver* ġo *holster* ma' qaddu u b'kelb kbir b'*muzzle* ma' ħalqu biex idawru mal-ħabs waqt zjara uffiċjali. Barra dan kollu l-fatt illi l-istqarrijiet ippubblikati ġew korroborati ulterjorment mix-xhud Emmanuel Cassar, li quddiem il-Qorti xehed li mhux l-ewwel darba li fil-

prezenza tiegħu l-attur kien ipponta arma tan-nar lejn priġunier biex jheddidhom u jintimidahom biha.

Fil-fatt, il-Qorti ma tistax ma tosservax illi l-asserzjoni tal-attur illi huwa kien iġorr arma tan-nar fuqu biss f'ċirkostanzi eċċezzjonali, hi kontradetta bis-sħiħ bix-xhieda preċiża ta' Emmanuel Cassar u Stephen Cachia li rawh b'għajnejhom iġorru arma tan-nar fil-ħabs: fil-każ ta' Emmanuel Cassar f'iktar minn okkażjoni waħda, u fil-każ ta' Stephen Cachia matul żjara uffiċjali fil-ħabs fejn ma jirriżultax li kien hemm sitwazzjoni ta' perikolu.

Għaldaqstant, kollox jindika illi mil-lat oġġettiv, il-pubblikatur seta' jemmen raġjonevolment li l-pubblikazzjoni tal-istqarrijiet diffamatorji kienet fl-interess pubbliku. Wara kollox, il-ġornalisti għandhom igawdu minn kejl wiesa' ta' diskrezzjoni u apprezzament professjonali u l-qrati għandhom jevitaw li jissostitwixxu l-fehmiet tagħhom dwar liema tekniċi tar-rapportaġġ kellhom jiġu addottati fil-każ speċifiku[7].

Hawnhekk il-Qorti tqis li jkun opportun li tagħmel referenza għas-sentenza tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet **Norman Bezzina v. Joe Mifsud**[8], fejn ritentiet:-

"*Fil-fatt, fil-kawża* ***Aquilina noe v. L-Avukat Ġenerali et****, deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fis-16 ta' Jannar 2008, u b'riferenza għall-ġurisprudenza anterjuri, kienet saret din l-osservazzjoni dwar il-materja in kwistjoni: "Fil-kawża* ***Galea v. Mifsud****, deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-28 ta' Settembru 2009, intqal li ġurnaliżmu investigattiv għandu jimmerita aktar protezzjoni u dan fl-interess tal-pubbliku in ġenerali li jkun infurmat. Inqtal a propositu li: "meta Qorti tkun rinfaċċjata b'ġurnaliżmu verament investigattiv u responsabbli dwar materja ta' interess*

[7] Il-kunċett tal-ġudizzju editorjali ġie mfisser mill-House of Lords fid-deċiżjoni fil-każ **Flood v Times Newspapers Limited** (2012), hekk:- "*although the question of whether the story as a whole as a matter of public interest must be determined by the court, the question of whether defamatory details should have been included is often a matter of how the story should have been presentend. On that issue, allowance should be made for editorial judgement*", per Lord Dyson – Gatley 15.7 ("*Inclusion of the material complained of*") p. 647
[8] Deċiza 26.3.2010.

*pubbliku, hija għandha tagħti marġini u latitudni mill-aktar wiesa' lil min ikun kiteb jew ippubblika dak il-materjal fl-eżami ta' jekk kumment ikunx wieħed fair o meno (ara ez.* ***Victor Pace v. Joe Azzopardi et*** *Qorti tal-Appell, 8/6/2004); u wieħed jista' jmur oltre u jgħid li meta si tratta ta' ġurnaliżmu investigattiv u responsabbli jista jagħti l-każ li, jekk jikkonkorru ċerti ċirkostanzi, ma jkun hemm ebda responsabbilita' għall-malafama anke jekk sussegwentement jirriżulta xi fatt wieħed jew aktar li jkun ġie pubblikat kien inveritjer (ara s-sentenza tal-House of Lords tal-11 ta' Ottubru 2006 fl-ismijiet* ***Jameel v. Wall Street Journal Europe SPRL*** *(2006) UKHL 44 (2006) All ER(D) 132 (Oct.)).*"

Wieħed irid jiftakar ukoll illi l-istandard li huwa mistenni minn ġornalist responsabbli m'huwiex il-preċiżjoni: il-pożizzjoni għandha tiġi analizzata ħolistikament b'dan illi anke jekk jirriżulta xi ommissjonijiet jew ineżattezzi fir-rapportaġġ li, meqjus il-kuntest sħiħ, jistgħu jitqies li huma minuri, dan ma għandux ixejjen id-difiża taħt l-artikolu 5 tal-Att.

Ikkunsidrat;

Illi in kwantu għat-test soġġettiv, il-Qorti wara li rat l-atti u l-provi, hija tal-fehma illi ma ġie ppruvat bl-ebda mod illi l-konvenuti f'dan il-każ ma kienux jew ma setgħux raġjonevolment jemmnu, minn perspettiva soġġettiva u fl-assjem tal-fatturi kollha appena kkunsidrati, li l-pubblikazzjoni tal-istqarrijiet tal-konvenut, impunjati mill-attur, ma kienux dwar materja ta' interess pubbliku. Dan qed jingħad għaliex ma jirriżultax illi huma aġixxew b'malizzja billi naqsu xjentement milli jsemmu fatti eżistenti jew provi skolpanti noti lilhom jew billi jintwera li bħala fatt, ma kien hemm l-ebda bażi fattwali għall-pubblikazzjoni tal-istqarrijiet malafamanti. Għandu jingħad ukoll illi qabel il-pubblikazzjoni tal-artikolu impunjat, il-konvenuti għamlu tentattivi biex jiksbu l-kummenti u l-verżjoni tal-attur billi bagħtulu sett ta' mistoqsijiet kif ukoll stiednih għal intervista iżda baqgħu mingħajr ebda risposta. L-attur ma nnegax li kien irċieva dawn il-mistoqsijiet jew li ġie mistieden għal intervista mill-gazzetta

‘Illum’.  Għalhekk, jekk kien hemm xi nuqqas ta’ rapportaġġ dwar fatti skolpanti, dan hu imputabbli lill-attur u mhux lill-konvenuti.

Huwa minnu illi iktar ma tkun serja l-allegazzjoni u fejn l-allegazzjoni jkollha l-propensita’ tikkaġuna ħsara lill-individwu konċernat, iktar ikun mistenni li min jippubblika jeżerċita grad ta’ diliġenza ogħla.  Iżda fil-każ in diżamina, il-Qorti hija sodisfatta li r-referenzi li saru lill-imġieba tal-attur li, kif stabbilit, hija materja ta’ interess pubbliku, jidher li huma sostanzjalment korretti fuq livell fattwali u f’kull każ, m’humiex miżgħuda bl-espressjoni ta’ kummenti u opinjonijiet u lanqas b’xi sensazzjonaliżmu żejjed.  Għaldaqstant, ma taqbilx li l-pubblikazzjoni tista’ titqies bħala xempju ta’ ġornaliżu mhux responsabbli u tqis illi l-konvenuti eżerċitaw livell raġjonevoli ta’ diliġenza fil-pubblikazzjonijiet tal-istqarrijiet impunjati.

Għalhekk id-difiża taħt l-Artikolu 5 tal-Att, invokata fir-Risposta tal-konvenuti, hija mistħoqqa għaliex tissodisfa l-kriterji kollha tal-liġi u konsegwentement, it-tielet eċċezzjoni qed tiġi milqugħa b’dan illi l-pubblikazzjoni qiegħda titqies li hija rapportaġġ in buona fede dwar materja ta’ interess pubbliku u kwindi m’hijiex diffamatorja.

Konsegwentement mhux meħtieġ li tiġi mistħarrġa s-siwi tal-eċċezzjonijiet l-oħra mqanqla mill-konvenuti fir-Risposta tagħhom.

In konklużjoni l-Qorti tħoss li għandha tippuntwalizza illi b’daqshekk m’hijiex qiegħda tiddeċiedi u lanqas timplika li mhux minnu li l-attur wettaq riformi importanti u pożittivi fil-ħabs, li ma kienx persuna ta’ integrita’ u għaqal f’xogħlu, jew li ma kienx rispettat mill-priġunieri u jew l-uffiċjali tal-ħabs.  Billi l-Qorti qiegħda tiddeċiedi biss li l-artikolu impunjat jikkostitwixxi pubblikazzjoni dwar materja ta’ interess pubbliku, dawn l-aspetti tal-karattru morali tal-attur jibqgħu mhux mittiefsa.

**Għal dawn il-motivi qiegħda taqta’ u tiddeċiedi billi tastjeni milli tieħu konjizzjoni tal-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuti Saviour Balzan u Yendrick Cioffi**

**fir-Risposta tagħhom u filwaqt illi tilqa' t-tielet eċċezzjoni, tiċħad it-talba tal-attur Alexander Dalli fir-Rikors promotur, bl-ispejjeż kollha jkunu a kariku tal-istess attur.**

**DR. RACHEL MONTEBELLO**
**MAĠISTRAT.**